**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 207/2017 CFF**

**Roderick Muscat Monsigneur**
**ghan-nom ta' Lighthouse Communications Limited**

**Vs**

**Mary Rose Vella**

**Illum 6 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenuta tigi kkundannata li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' disat elef u tminn mitt ewro oltre l-interessi ta' tmienja fil-mija mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-senza elfejn u tnax (2012) sad-data effettiva tal-hlas rapprezentanti debitu fuq self brevi manu liema debitu kellu jithallas u li ma thallasx ghal-liema dejn hija ghamlet garanti solidali hekk kif kien miftiehem fl-iskrittura iffirmata bejn il-partijiet quddiem in-Nutara Dr. Margaret Heywood fis-disa' u ghoxrin (29) ta' Novembru elfejn u hdax (2011), liema debitu huwa ukoll garantit permezz ta' Ipoteka Generali u li giet insinwata fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar elfejn u hmistax (2015).

Bl-ispejjez u bl-imghax mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta giet notifikata fid-9 t'Awwissu, 2017 pero' la dehret u lanqas ipprezentat risposta fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2018.

Rat li fl-istess seduta, l-attur ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuta.

Rat li fis-seduta sussegwenti tas-6 ta' Marzu, 2018, il-konvenuta msejha tlett darbiet regghet naqset li tidher, u ghalhekk il-kapitolu tal-attur ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' disat elef u tminn mitt ewro (€9800), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-wiehed u tletin (31) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-hlas effettiv, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-konvenuta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**